MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Numru 419/2010

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Agius)

vs

Dionizio k/a Dennis Farrugia

Shawn Farrugia

Wayne Farrugia

Giorgio Schembri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta tal-identita' numru 353657m, 297885m, 260185m, 213292m, akkuzati:

1…..KONTRA DENNIS FARRUGIA, SHAWN FARRUGIA U WAYNE FARRUGIA fil-kapacita' taghhom ta' diretturi tal-kumpanija Denfar Excavators Limited u lil GIORGIO SCHEMBRI fil-kacita tieghu ta' Project

Supervisor fuq il-lant tax-xoghol gewwa l-fabbrika (ex-Brand) z-zona industrjali ta' Bulebell, l/o Zejtun, talli:

fil-15 ta' Dicembru 2006 ghal habta tat-8.20am b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni taghhom jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti wegga gravi Gino Vassallo – Artikolu 225 u 226(1)(b) Kap 9;

2……KONTRA DENNIS FARRUGIA, SHAWN FARRUGIA, u WAYNE FARRUGIA wahedhom u fil-kapacita' taghhom ta' diretturi tal-kumpanija Denfar Excavators Limited, talli:

fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, naqsu milli jharsu s-sahha u s-sigurta' ta' l-impiegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu effettwati bix-xoghol li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol – Artikolu 6(1)(2) ta' l-Att 27/2000 Kap 424;

3……KONTRA DENNIS FARRUGIA, SHAWN FARRUGIA u WAYNE FARRUGIA wahedhom u fil-kapacita' taghhom ta' diretturi tal-kumpanija Denfar Excavating Limited, talli:

fl-istess zminijiet lok u cirkostanzi naqsu bhala persuni li jhadmu li jizguraw s-sahha u s-sigurta' tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol u jaghmlu arrangjamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazjoni, kontroll, monituragg u rivista tal-misuri preventivi u protettivi waqt li jikkunsidraw n-natura tal-attivita'  u d-daqs tal-itrapriza u naqsu  wkoll li jiehdu l-misuri necessarji ghas-salvagwadja tas-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol u ghal dan il-ghan ghandhom jipprevjenu riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdu informazzjoni u tahrig kif  mehtieg – Artikolu 4(1)(2) u (3) tal-A.L 36/03;

4……KONTRA DENNIS FARRUGIA, SHAWN FARRUGIA U WAYNE FARRUGIA wahedhom u fil-kapacita' taghhom ta' diretturi tal-kumpanija Denfar Excavators Limited ukoll li fl-istess zminijiet lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu li jelevaw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta', fost ohrajn jaghzlu t-taghmir tax-xoghol, l-prassi u l-attivitajiet tax-xoghol, u jaghzlu t-taghmir u l-postijiet tax-xoghol, kif ukoll il-kapacitajiet tal-haddiema sabiex jwettqu x-xoghol assenjat lilom minghajr perikli u jisguraw li jsir titjieb fil-livell ta' proyezzjoni moghtija lill-haddiema fejn jidhlu sahha u sigurta' – Regolament 6(1) u (2) tal-A.L 36/03;

5…….KONTRA GIORGIO SCHEMBRI wahdu talli bhala Project Manager fuq il-lant tax-xoghol gewwa l-fabbrika (ex-Brand) z-zona industrjali ta' Bulebel. l/o Zejtun, fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqas li jikkordina l-implimentazzjoni tal-principji generali ta' prevenzjoni u sigurta' meta aspetti teknici u/jew organizzattivi jkunu qed jigu decizi, sabiex jkunu ppjanati d-diversi bicciet jew stadji tax-xoghol li ghandhom isiru fl-istess hin jew wara xulxin u naqas li jikkordina arrangjamenti sabiex jivverifika li l-proceduri tax-xoghol ikunu qeghdin jigu implimentati b'mod korrett – Artikolu 5(a)(i)(e) tal-A'L 281/04;

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu bghat lill-imputati sabiex jigu ggudikati fuq il-htija jew nuqqas ta' htija ai termini u skond l-artikoli tal-ligi minnu citati;

Semghet lill-imputati jiddikjaraw illi illi ma kellhomx oggezzjoni biex il-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet t-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

B'sentenza tat-22 ta' Jannar tas-sena l-ohra l-Qorti kienet iddisponiet mill-pregudizjali tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiza li l-azzjoni,  sakemm probonibbli a bazi tal-Artikolu 225 u 226 kienet perenta. Kienet tal-fehma kuntrarja fil-konfront tal-akkuzi l-ohra hekk ipotizzati taht il-Kap 424 u regolamenti ancillari, igifieri, tal-akkuzi li jittrattaw is-sahha u s-sigurta tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol.

Hija kawza din li titratta incident fuq il-lant tax-xoghol li sehh gewwa fabbrika fiz-zona industrjali ta' Bulebell, limiti Zejtun, fl-liema incident korra certu Gino Vassallo ingaggjat mis-socjeta'  'Denfar Excavators Limited'. Il-midrub fil-hin tal-incident kien qieghed jiftah bieb minn tieqa, iserrah fuq scaffolding, minhabba l-gholi li kien rikjest li jkun il-bieb, meta ghal xi raguni waqa' ghall-isfel gholi ta' circa sular u nofs. Mhux kontestat li mill-imputati kollha kien Dennis Farrugia l-kuntrattur cjoe' il-persuna li f'isem u bhala direttur ta' Denfar Limited kien responsabbli ghall-progett bl-imputat Giorgio Schembri fil-kapacita' tieghu ta' Perit Arkitett appuntat bhala Project Supervisor mis-socjeta' appuntata sabiex tagixxi f'din il-kapacita'.

Intant, huwa fatt accertat li fil-hin tal-incident fuq il-lant fejn kien qieghed jigi esegwit ix-xoghol tal-ftuh tal-bieba kien hemm l-midrub u Dennis Farrugia. Mill-imputati l-ohra ma kien hemm hadd u apparti l-imputat Giorgio Schembri z-zewg imputati l-ohra la kienu hemm u lanqas jirrisulta li kellhom x'jaqsmu mal-progett. Jidher li gew imharka stante li huma diretturi flimkien ma' Dennis Farrugia bhala diretturi tas-socjeta' Denfar.

Illi l-versjonijiet dwar id-dinamika tal-incident huma bil-wisq konfliggenti;

- il-ferut, l-imsemmi Gino Vassallo, xehed li dak in-nhar, kien il-15 ta' Dicembru 2006, kien qieghed jahdem bil-fattura ghas-socjeta Denfar gewwa l-fabbrika de quo u irceva istruzzjonijiet mill-perit biex jiftah bieb ta' tnax il-filata. Stqarr li dahal ghal habta tas-seba ta' filghodu u inzerta lill-imputat Dennis Farrugia diehel ukoll li qallu li l-bieb ried jinfetah sa fuq. Ix-xhud innotalu li kien hemm bzonn ta' scaffolding li dak il-hin gabulu l-imsemmi Dennis Farrugia permezz ta' fork lifter u kien gja armat. Sostna li tilef il-bilanc u waqa 'l isfel meta Dennis Farrugia beda jaqla tieqa mill-hadid taghha b'gaffa u kif qed

jigbidha ressaqlu l-injam b'hekk li tilef il-bilanc u waqqa. Jghid li dak il-hin kien fuq l-ahhar skaluna jissega. Dwar l-iscaffolding ikkonferma li kien uzah drabi ohra tul il-hmistax il-gurnata li kien ilu jahdem hemmhekk. Insista fuq il-fatt li fil-hin li toghlliet l-arm tal-gaffa l-injam tal-iscaffolding fuq liema kien qed iserrah, li kienu tnejn ta' wisa ta' zewg piedi kull wahda, ifethu, iccaqlaq l-iscaffolding, zelaq u waqqa lagemba. Stqarr li ingwanti ma kellux, l-safety helmet ma setghax jilbsu minhabba li s-saqaf kien bil-kaxxex u safety shoes kellu. Dwar cinga tal-harness qal li dak iz-zmien ma kinitx tintuza.

- l-imputat Dennis Farrugia minn naha l-ohra fil-waqt li ikkonferma li lill-imsemmi Vassallo kien qabdu hu bhala bennej stqarr li l-iscaffolding kien dak li ntuza fuq il-lant tax-xoghol u kien Vassallo li kien zarmah minn fejn kien u rega armah fejn kellu jahdem. Ikkonferma li kien l-uniku presenti fost l-imputati meta gara l-incident. Qal li kien circa hamsin metru 'l boghod sema daqqa, hares u osserva lill-Vassallo mal-art. Dan tkaxxar minn taht l-iscaffolding u ittiehed l-isptar permezz ta' ambulanza. Stqarr li l-kawza tal-incident kien l-armar hazin tal-iscaffolding billi spiega li fil-hin tal-incident ma kienx fih gallarija li tkun gholja ta' circa metru. Cahad kategorikament li f'dak il-hin kellu l-JCB startjata anzi zied jghid li dak in-nhar ma hadimx biha. Zied jghid li l-gaffa ghandha ix-xufier taghha u dak innhar kienet ghadha ma hadmitx.

Huwa interessanti f'dan l-istadju ta' dan il-gudikat li issir referenza ghar-rapport tal-Perit Richard Aquilna nominat fl-inkjesta li nfethet koncernanti dan il-kaz. Apparti li fil-fehma tal-perit il-versjoni tal-imputat Farrugia kienet aktar verosimili, kien tal-opinjoni li l-incident gara meta Vassallo "tefa' kantun ghal isfel u dak il-pis hadu u gibdu mieghu". Zied jghid il-Perit li ma dehret ebda daqqa fuq l-iscaffolding kif donnu ried jaghti x'jifhem l-ferut (fatt dan li jinsab korroborat mill-ufficjal prosekutur li ezamina l-iscaffolding flimkien mal-Perit) u rafforzata mix-xhieda ta' PS 386 Joseph Cauchi (fol.150 et seq) li osserva li kien hemm gebla mal-art biswit l-iskafolding. Registrat dan il-fatt l-Qorti hi pero tal-fehma li kien attwalment in-nuqqas tal-gallarija fl-iscaffolding u n-nuqqas ta' ilbies protettiv kif preskritt mill-ligi li fl-ahhar mill-ahhar kienu l-kawza tal-feriment tal-parti leza. Ghal dan in-nuqqas hemm ir-responsabilita' ta' minn ihaddem, fil-kaz de quo, tal-imputat Denis Farrugia wahdu u mhux ukoll l-imputati l-ohra inkluz l-imputat Schembri.

Rat l-Artikolu 6 u 38 tal-Kap 424 u r-regolament numru 4 u 6 tal-Avviz Legali 424.18.

Issib l-imputat Dennis Farrugia hati u fic-cirkostanzi tikkundannah multa ta' 466 euro.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------